MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Numru. 455/2007

Il-Pulizija
(Sp Ian Joseph Abdilla)
vs
Alexia Cross, bint James, imwielda San Ġiljan fl-14 ta' ġunju, 1979

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata talli f'mejju, 2007 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi write ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża'

dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ b'qerq ta' aktar minn tlett telef liri maltin għad-dannu ta' Mrs. Rachel Ann Djadi-Hallam, l-HSBC Bank Malta plc, The Money Saver, M. Demajo Holdings Ltd. (Pedigree Toy Shop), Zero Two, SMG Mode, NM Arrigo Ltd. (Captain A. Caruana), Mixa's Accessories, Cell Phone, Drive-A-Way Car Hire Ltd., Terranova, Phone Box, Rizzo Service Station, The Model Shop, St. Gaetano Pharmacy, Go Mobile, Ray's Auto Dealer, Chevron Auto Dealer, Jimcam Company Ltd. (Jimmy Camilleri), Martin Agius u Joseph Grima;

2. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi kkomettiet serq ta' cheque book ta' l-HSBC Bank Malta plc li hu ta' Mrs. Rachel Ann Djadi-Hallam, liema serq sar għad-dannu ta' l-imsemmija Mrs. Rachel Ann Djadi-Hallam u ma jaqbiżx l-għaxar liri maltin;

3. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi ħalfet il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħtu l-ġurament;

4. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi għamlet falsifikazjzoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cheques ta' l-HSBC Bank Malta plc, li jappartjeni lil Mrs. Rachel Ann Djadi-Hallam, u dokumenti oħra, billi ħolqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement għamelt użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

5. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi iffalsifikat ċedola, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn officċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentement għamlet użu minnhom;

6. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha jew għal ħaddieħor, f'xi document maħsub għal xi awtorita'

pubblika, xjentement għamlet dikarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz;
7. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun, indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom liema oġġetti ġejjin mir-reat ta' serq;
8. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi appropjat ruħha billi dawwret bi profit għaliha jew għal persuni oħra minn ħaġa ta' ħaddieħor, liema oġġetti (tlett karozza tal-kiri) kienu fdati jew konsenjati taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew jsir użu minnhom speċifikat, liema vetturi jiswew aktar minn elf lira maltin għad-dannu ta' Ray's Car Hire u Jimmy's Car Hire;
9. talli kissret ordni ta' probation, meta wettqet reat fi żmien il-perjodu ta' tlett snin minn sentenza tal-probation mogħtija fit-12 ta' april, 2007 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna l-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-30 ta' novembru, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 261(e), 269(g), 281(a) u 282 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 18 u 108 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 18, 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 18, 167 u 169 tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikoli 18 u 188 tal-Kodiċi Kriminali;
g. fl-artikoli 18 u 334 tal-Kodiċi Kriminali;
h. fl-artikoli 18 u 293 tal-Kodiċi Kriminali;

i. fl-artikoli 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
j. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' diċembru, 2007 fejn l-imputata tat il-kunsens tagħha biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' diċembru, 2007 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba konta tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tas-seba' akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha mill-istess akkuża. Issibha ħatja tal-akkużi l-oħra. Rat l-artikoli 18, 308, 310(1)(a), 261(e), 269(g), 281(a), 282, 108, 109, 183, 184, 167, 169 u 293 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 7, 21, 22 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannaha għal piena ta' sena priġunerija u għall-interdizzjoni ġenerali għall-perjodu ta' ħames snin mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------